.

**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 30 ta' Ottubru, 2019**

Numru 16

**Rikors Nru. 32/2015**

**Rosario sive Sario Sultana**
**vs**
**Avukat Generali u Spettur Louise Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tas-27 ta' April 2015 li jghid hekk:

Illi l-esponent ghaddej proceduri kriminali wara li wahda biss minn uliedu akkuzatu falzament li wettaq kongungiment karnali maghha fis-sena 2004.

Illi l-esponent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-4 ta' Jannar 2011 u ma nghatax il-helsien mill-arrest, u dan minhabba l-opposizzjoni prolungata u ripetuta tal-Avukat Generali.

Illi l-esponent gie moghti l-helsien mill-arrest f'Settembru 2013, jigifieri, wara 31 xahar ta' detenzjoni, minflok matul il-perijodu massimu ta' detenzjoni permess mil-ligi ta' 20 xahar, u dan minkejja li hu prezunt innocenti.

Illi fis-27 ta' April 2012 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma fadallhiex aktar provi, izda permezz ta' rikors tas-16 ta' Jannar 2012 l-Avukat Generali kien iddikjara li huwa jehtieg iktar zmien "biex huwa jiddeciedi jekk ghandux igib 'il quddiem dan l-Att ta' Akkuza." Din it-talba saret diversi drabi u tirrizulta sensiela ta' rinviji u talbiet ghal prorogi mill-Avukat Generali. L-Ufficjal Prosekutur ma ghamlet l-ebda tentattiv sabiex jithaffu l-proceduri u ta' sikwiet kienet tghid lir-rikorrent li se jghaddi guri.

Illi fit-18 ta' Dicembru 2013, l-Avukat Generali, wara hafna dewmien min-naha tieghu, iddecieda li johrog Att ta' Akkuza numru 32/2013 kontra l-esponent u pprezenta l-imsemmi Att ta' Akkuza fir-Registru Kriminali.

Talba ghal Riferenza Kostituzzjonali michuda
Illi wara li nhareg l-Att taI-Akkuza, I-esponent qajjem diversi lanjanzi kostituzzjonali fil-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Kriminali u talab li ssir Riferenza Kostituzzjonali ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

Illi b'sentenza moghtija fil-11 ta' Frar 2015, il-Qorti Kriminali ddikjarat il-Ianjanzi kostituzzjonali tieghu bhala frivoli u vessatorji u ddifferiet il-kaz 'sine die' sabiex jistenna t-turn tieghu biex jinstema bhala guri. FI-imsemmija sentenza, il-Qorti Kriminali qalet:
"FI-ahhar I-akkuzat qieghed jilmenta illi wahda mir-ragunijiet il ghala qieghed jitlob ir-riferenza kostituzzjonali minn din il-Qorti hija dik illi ma ghandux mezzi sabiex huwa jinkariga avukat jaghmillu dan ix-xoghol. II-Qorti tirrileva illi l-akkuzat jista' dejjem jirrikorri ghall-ufficcju tal-Ghajnuna Legali illi jista' jtih il-pariri opportuni kif u fejn ghandu jipprocedi b'dawn il-Ianjanzi jekk ikun il-kaz."

Illi fl-istess sentenza, iI-Qorti Kriminali qalet ukoll:
"L-akkuzat jilmenta ukoll illi huwa nzamm arrestat taht kustodja preventiva ghal wiehed u tletin (31) xahar meta I-Kodici Kriminali jimponi massimu ta' ghoxrin (20) xahar ... Jekk I-akkuzat jidhirlu illi b'dan I-agir inkisru xi drittijiet kostituzzjonali, allura jista' dejjem ifittex lill-Qorti kompetenti ghad-danni konsegwenza ta' dan id-dritt allegatament leziv u ma hemmx ghalfejn riferenza kostituzzjonali minn din il-Qorti ghal dan il-ghan."

Illi I-esponent qieghed iressaq dan ir-rikors kostituzzjonali quddiem din I-Onorabbli Qorti sabiex il-Ianjanzi tieghu jigu ezaminati u determinati minnha.

L-ewwel lanjanza: dritt ghali-assistenza legali
Illi I-Avviz Legali 35 tal-2010 gab fis-sehh id-disposizzjonijiet tal-Att III tal-2002 dwar id-dritt ghall-assistenza ta' avukat. In segwitu ghall-bidu fis-sehh taI-imsemmi Awiz Legali, l-Artikolu 366AT tal-Kodici Kriminali, in kwantu rilevanti ghal dan il-kaz, issa gie jaqra hekk:
"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinzamm taht il-kustodja tal-Pulizija f'xi Ghassa jew f'xi post iehor ta' detenzjoni awtorizzat ghandha, jekk hija hekk titlob, tithalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc irnb'wicc jew bit-telefon, ghal mhux iktar minn siegha zmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tigi interrogata, I-persuna taht kustodja ghandha titgharraf mill-Pulizija bid-drittijiet li ghandha taht dan is-subartikolu."

Illi I-esponent tressaq il-Qorti mill-Ispettur Louise Calleja fl-4 ta' Jannar 2011. Illi huwa kien gie arrestat fit-3 ta' Jannar 2011, il-jum li fih gie interrogat. Illi I-istqarrija giet mehuda bi vjolazzjoni tad-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat (Art. 6(3)(c) tal-Kapitolu 319) fir-rigward taI-interrogatorju mill-Pulizija. Saret telefonata sabiex ir-rikorrent ikun jista' jikkonsulta ruhu maI-Avukat Dr Toni Abela, izda dan ma setax imur ikellmu, u wara dan inbeda I-interrogatorju tal-Pulizija. Ghalhekk, id-dritt tieghu skont il-ligi li jikkonsulta ma' avukat ma kienx rispettat u implimentat b'mod effettiv.

Illi l-esponent huwa persuna marida bil-qalb u bid-dijabete u diversi problemi medici ohra u ghalhekk ghandu jitqies persuna vulnerabbli meta ttehditlu stqarrija minghajr l-ghajnuna ta' avukat. Ghalhekk, l-istqarrija tieghu ttiehdet bi ksur tal-jedd tieghu taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-ligi domestika in materja. Konsegwentement, ma jistax jittiehed kont ta' dak l-interrogatorju mill-ufficjal investigattiv u tal-istqarrija bhala prova tal-kontenut taghha ghall-finijiet ta' htija u meno. Dik l-istqarrija miksuba bi ksur tal-jedd tar-rikorrent taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma ghandhiex tintuza b'ebda mod fil-guri.

It-tieni lanjanza: theddida waqt l-interrogatorju
Illi waqt li l-esponent kien qed jigi interrogat, l-Ispettur Louise Calleja qaltlu li jekk ma jammettix u jekk jibqa' jghid li ma kienx hati, hija kienet ser tarresta lit-tifla tieghu Antoinette talli ma kienitx qalet il-verita. Dan wassal biex ir-rikorrent jaghmel l-istqarrija pprezentata mill-Ispettur Louise Calleja. Dan sar bi vjolazzjoni tal-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxi smigh xieraq, f'kull stadju tal-proceduri, mill-mument tal-arrest sad-decizjoni finali dwar il-kaz.

It-tielet lanjanza: vjolazzjoni tal-principji dwar
(i) Presunzjoni ta' l-Innocenza u
(ii) Reasonable Time Requirement

Illi l-esponent gie pprivat mid-dritt qhal-liberta personali bi ksur tal-principju dwar il-Presunzjoni tal-Innocenza kif ukoll bi ksur tal-principju dwar smigh xieraq fi zmien ragonevoli, bi ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Inoltre, il-proceduri fl-istadju tal-istruttorja tmexxew bil-mod hafna u kien hemm hafna dewmien eccessiv, kif ukoll accessi, ritratti ta' abitazzjonijiet u perizja ta' perit arkitett bla htiega ta' xejn, u dan b'non-kuranza ghad-drittijiet tal-imputat u ghall-fatt li huwa kien qed jinzamm detenut matul dan iz-zmien kollu.

Ir-raba' lanjanza: trattament inuman u degradanti
Illi minkejja li "il-partijiet qed jaqblu li l-imputat huwa sofferenti rninn kundizzjoni kardijaka, diabete, pressjoni gholja u cholesterol gholi" (pagna 8 tal-process) u ghadda minn operazzjonijiet tal-qalb, il-Pulizija u l-Avukat Generali dejjem opponew il-helsien mill-arrest, u baqghu jirrezistu li huwa jinheles mill-arrest ghal 31 xahar, minn Jannar 2011 sa Settembru 2013.

B'hekk l-esponent kellu jsofri tbatija kbira fil-habs, waqt li d-drittijiet tieghu ma kienux qeghdin jigu rispettati. Fil-habs l-esponent ma setax jircievi t-trattament mediku li kien jehtieg u sahhtu marret lura. Dan jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti bi vjolazzjoni tal-Art. 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Il-hames lanjanza: vjolazzjoni tad-dritt ghal-liberta' tal-persuna
Illi fir-rigward tal-esponent sehhew vjolazzjonijiet tas-subincizi (1), (3), (4) u (5) tal-Art. 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem billi huwa baqa' jinzamm taht kustodja preventiva sa Settembru 2013. B'hekk inkisret ukoll il-ligi ordinarja tal-pajjiz li tipprovdi li l-perijodu massimu ta' kustodja preventiva huwa ta' ghoxrin (20) xahar, kif hemm impost mill-Kodici Kriminali fl-Artikolu 575. L-esponent inzamm arrestat ghal wiehed u tletin (31) xahar. Fuq dan il-punt, hemm decizjoni tal-Qorti

Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, Mikalauskas v. Malta (Appl. 4458/10, 23 ta' Lulju 2013).

Is-sitt lanjanza: vjolazzjoni tad-dritt ghall-halia privata u ghall-halia tal-familja
Illi dan l-arrest fit-tul ikkawza hsara u tbatija kbira fir-relazzjoni familjari u seta' jkisser ir-relazzjoni familjari minkejja li kienet wahda stabbli. B'hekk gie vvjolat id-dritt ghall-hajja privata u ghall-hajja tal-familja garantit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319), u dan peress li huwa u martu gew imcahhdin milli jkollhom relazzjoni intima u familjari, bejniethom u flimkien ma' uliedhom, matul dan il-perijodu li fih il-principju dwar il-prezunzjoni tal-innocenza kien qed jigi injorat.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li gew miksura l-jeddijiet tieghu taht l-Artikoli 5, 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda, Kap. 319), tordna li ma jsir l-ebda uzu mill-istqarrija impunjata fil-guri tieghu, u tordna l-hlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

Illi fil-qasir il-lanjanzi tar-rikorrent huma fis-sens li fil-kawza Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario sive Sario Sultana pendenti quddiem il-Qorti Kriminali, gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-artikoli 3, 5, 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u dan minhabba theddid, qaghda ta' vulnerabbilita u nuqqas ta' assistenza legali effettiva waqt l-interrogatorju mill-pulizija, dewmien irragjonevoli fil-proceduri kriminali, trattament inuman u degradanti waqt li kien arrestat gewwa l-Facilita Korretiva ta' Kordin, vjolazzjoni tal-principju tal-presunzjoni tal-innocenza u tad-dritt ghal-liberta tal-persuna u vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja privata u tal-familja.

Illi l-esponenti jirrespingu dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda agir tal-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti anzi imxew b'reqqa ma' dak li tistipula l-ligi liema ligi mhux qed tigi ikkontestata.

Intempestivita tal-azzjoni odjema
1. Preliminarjament, l-esponenti jemmnu li l-azzjoni tar-rikorrent hija ghal kollox intempestiva. Dan ghaliex kif tajjeb intqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Generali maqtugha fis-16 ta' Marzu 2011, ladarba f'dan il-kaz il-process kriminali ghadu ma giex mismugh u mitmum, s'issa ghadu mhux maghruf kif u taht liema cirkostanzi huwa sejjer jigi zvantaggjat waqt is-smigh tieghu. Tassew wiehed tabilfors jistaqsi, kif ir-rikorrent jista' jishaq li huwa mhux ha jkollu smigh xieraq meta l-guri tieghu ghadu lanqas biss inbeda? Jigi b'hekk, li f'dan l-istadju tal-proceduri mhuwiex indikattiv li l-ilment tar-rikorrent jigi diskuss u trattat in vacuo u b'hekk din l-Onorabbli Qorti hija mitluba biex ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali u konvenzjonali taghha; F'dan il-kuntest huwa stabbilit anke f'gurisprudenza konsistenti, li biex tinsab lezjoni tas-smigh xieraq kif imhares taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fil-kumpless kollu tieghu. Allura l-ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq imqanqal mir-rikorrent jista' jigi biss ezaminat ladarba l-process kriminali tieghu jigi konkluz. Dan gie riaffermat ukoll mill-Qorti Ewopea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz Dimech vs Malta.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrilevaw ukoll li l-ilmenti tar-rikorrent li jirrigwardaw theddid waqt l-interrogatorju u inammissibilita tal-istqarrija diga gew decizi mill-Qorti Kriminali meta giet mitluba tiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet preliminari li qajjem l-akkuzat. Fil-fatt permezz tas-sentenza tal-Qorti Kriminali datata 11 ta' Frar 2015 fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta: Malta vs Rosario sive Sario Sultana il-Qorti ippronunzjat ruhha kif gej:
F'din l-istess eccezzjoni l-akkuzat qieghed jallega l-illegalita tal-operat tal-ufficcjal investigattiv l-lspetiur Louise Calleja minhaba theddid illi allegatment ghamlet fuq l-akkuzat sabiex jirrilaxxa l-istqarrija. Din hija kwistjoni ta' prova illi tisia' tirrizulta waqt is-smigh tax-xhieda. L-akkuzat irid jiftakar, pero, illi min jallega jrid jipprova u spetta ghalih biex igieb il-prova quddiem il-gurati jekk ikun il-kaz, dejjem fuq bazi ta' probabilita kif id-difiza ghandha d-dritt illi tressaq il-grad tal-provi taghha.
...
Rigward l-eccezzjonijiet fuq il-provi, l-akkzuat qieghed jallega l-inammissiblita tal-istqarrija tal-akkuzat, dan ghaliex ma giex mghoti d-dritt ghal access ghal avukat dan ghaliex ma giex moghti d-dritt ghal access ghal avukat biex jaghtih parir qabel jew waqt illi kien interrogat mill-pulizija u invoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan huwa l-kaz peress illi gia irrizulta manifestament mill-atti ta' din il-kawza illi l-akkuzat gie moghti dan id-dritt mill-Ispettur Calleja u fil-fatt uzufruwixxa ruhu minnu u kellem lil avukat.

Rigward il-kwistjoni jekk l-istqarrija hijiex mittiefsa minn xi difett kif mitlub mill-Kodici Kriminali dina hija kwistjoni ta' provi li jridu jirrizultaw waqt is-smigh tax-xhieda fil-kuntest ta' dak ii intqal aktar qabel dwar il-provi li jrid igib l-akkuzat fuq l-allegazzjoni tieghu.

Il-Qorti Kriminali cahdet in toto l-eccezzjonijiet tar-rikorrent u ddikjarat li l-lanjanzi kostituzzjonali huma frivoli u vessatorji. Tajjeb li jigi enfasizzat li r-rikorrent ma appellax minn din is-sentenza u issa ma jistghax juza dawn il-proceduri straordinarji bhala forma ta' appell mis-sentenza tal-Qorti Kriminali.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, l-esponent qieghed umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha ai termini tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

Dritt ghall-assistenza legali u theddid waqt l-interrogatorju
2. Illi r-rikorrent qed jilmenta li ma inghatax assistenza legali u li gie mhedded waqt l-interrogatorju u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi bhala punt ta' dritt taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea nsibu l-jedd ghal smigh xieraq u mhux il-jedd ghall-ghajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittiehed stqarrija. Hisser dan, li jekk in-nuqqas ta' konsultazzjoni ma' avukat fil-mument tat-tehid tal-istqarrija ma ggib l-ebda pregudizzju serju ghall-akkuzat fl-ezitu tal-proceduri kriminali allura dan tal-ahhar ma jkollu l-ebda ragun jinvoka ksur tal-jedd ta' smigh xieraq abbazi ta' dan in-nuqqas.

Il-Qorti Kostituzzjonali ghamlitha cara f'hafna sentenzi ricenti illi ma huwiex il-kaz illi n-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat iwassal, ghalhekk biss u ipso facto, ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq (ara inter alia Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Camilleri tat-22 ta' Frar 2013, Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali tat-8 ta' Ottubru 2012

u Joseph Bugeja vs Avukat Generali tal-14 ta' Jannar 2013), izda jrid ikun hemm cirkostanzi ohra, illi jwasslu ghall-konkluzjoni illi minhabba n-nuqqas ta' access ghal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' legittimita mehtiega biex l-istqarrija titqies li ttiehdet bi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq;

Marbut ma' dan l-istqarrija ma tis tax tigi izolata wahidha mill-bqija tal-kumpless tal-proceduri kriminali. Kif hafna drabi nghad f'dawn ic-cirkostanzi, id-dritt tas-smigh xieraq irid jigi meqjus fil-kuntest tat-totalita tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument specifiku. Tabilhaqq biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess Qorti. Wiehed ma jistax u mghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghall-konkluzjonl li tabilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (ara fost ohrajn is-sentenzi Dr Lawrence Pullicino vs Onorevoli Prim Ministru et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Awwissu 1998, Anthony Zarb et vs Ministru tal-Gustizzja et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru 2002 u Gregorio sive Godwin Scicluna vs Avukat Generali et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Ottubru 2003).

Illi l-esponenti jirrilevaw minnufih Ii fil-kaz odjem mhuwiex minnu Ii r-rikorrent ma inghatax access ghall-assistenza legali qabel l-istqarrija anzi huwa inghata l-opportunita Ii jkellem l-avukat ta' fiducja tieghu u hekk ghamel. Dan johrog car mix-xhieda tal-Ispettur Louise Calleja meta xehdet fil-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrat (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Fil-fatt fid-deposizzjoni taghhha tal-14 ta' Jannar 2011 l-Ispettur Calleja qalet is-segwenti:
Fil-fatt kien ikkonsulta ma avukat. Jigifieri dan id-driii jinghata fil-bidu. Malli jigi arrestat inaghta d-driti mill-ewwel li jikkonsulta ma avukat u fti-fatt hekk ghamel.

Illi ghalhekk dan kollu igieb fix-xejn l-argument tar-rikorrent Ii huwa ma nghatax d-dritt Ii jikkonsulta ma' avukat.

Illi dwar l-ilment Ii kien hemm xi kliem ta' theddid waqt l-interrogatorju mill-Ispettur Louise Calleja, l-esponenti jichdu bil-qawwa kollha din l-allegazjoni intiza unikament biex jintefa dell ikrah fuq l-operat tal-Ufficjal Investigattiv. Ta' min wiehed ifakkar li dan il-kaz kellu l-bidu tieghu meta Antoinette Sultana, bint ir-rikorrent, uriet ix-xewqa Ii taghmel rapport li meta kellha l-eta ta' disa' snin giet stuprata minn missierha. L-Ispettur Calleja kellmet lil Antoinette Sultana dwar dan il-kaz u l-istess Antoinette baqghet konsistenti fil-verzjoni taghha u baqghet tinsisti mal-Ispettur dwar dak li kien gralha u li effettivament hija kienet giet abbuzata sesswalment mir-rikorrent. Fuq din l-informazzjoni l-Ispettur Calleja bdiet l-investigazzjoni dwar dan l-allegat stupru u meta kellmet lir-rikorrent huwa ammetta l-involviment u spjega dak kollu Ii kien gara. L-esponenti jishqu Ii r-rikorrent ghamel l-istqarrija volontarjament minghajr theddid u wara li ikkonsulta ma' avukat.

Illi ghalhekk il-lanjanzi ghandhom jigu michuda.

Il-Principju tal-Presunzjoni tal-Innocenza u alle gat dewmien fil-proceduri kriminali
3. Illi r-rikorrent qed jilmenta Ii peress li waqt il-proceduri kriminali huwa inzamm arrestat dan imur kontra l-principju fundamentali tal-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat. Apparti hekk qed jilmenta wkoll minn dewmien fil-proceduri.

Illi l-esponenti jirrilevaw li bil-fatt li r-rikorrent inzamm arrestat in konnessjoni mal-kawza kriminali dan wahdu bl-ebda mod ma jfisser li hemm vjolazzjoni tal-presunzjoni tal-innocenza. Minn analizi tal-atti tal-kumpilazzjoni ma jirrizulta minn imkien li saret xi dikjarazzjoni li r-rikorrent huwa hati tal-akkuzi migjuba kontrih jew li hu rrid jipprova l-innocenza tieghu. Illi kif imfisser f'sentenzi ewlenin moghtija mill-Qorti Ewropea, il-prezunzjoni tal-innocenza tfisser, fost l-ohrajn, li l-piz tal-prova jaqa' generalment fuq il-prosekuzzjoni. Dan naturalment japplika ghal kaz odjern fejn hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova, sal-grad rikjest mil-ligi, li l-akkuzat huwa hati tal-akkuzi migjuba kontrih u s-sejbien ta' htija jrid ikun jidher li nstilet mill-ezistenza ta' xhieda probativa fl-atti processwali (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet Andrew Ellul Sullivan et vs Avukat Generali et tat-8 ta' Luiju 2004). Ir-rikorrent inzamm arrestat bhala mizura kawtelativa sabiex ma jkunx hemm interferenza fil-kors tal-gustizzja jew intalc ta' xhieda.

Illi dwar l-ilment ta' dewmien fil-proceduri huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza, l-imgieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment, s-sehem tal-awtorita jew awtoritajiet relevanti - f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja fid-dewmien u fl-ahhar nett is-siwi ta' dak li l-parti ghandha xtitlef u tirbah mill-kaz taghha quddiem il-qrati - Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali , 28/1/2013, Qorti Kostituzzjonali.

Illi r-rikorrent tressaq bl-arrest quddiem il-Qorti tal-Magisrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja nhar l-4 ta' Jannar 2011 akkuzat bir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni, sekwestru ta' persuna u attentat vjolenti ghall-pudur ta' bintu Antoinette Sultana. Minn dakinhar il quddiem jidher li l-kawza imxiet b'mod spedit u ftit li xejn kien hemm dewmien irragjonevoli waqt il-kumpilazzjoni. Tant li fis-16 ta' Dicembru 2013 u cioe inqas minn sentejn mill-bidu tal-proceduri, l-intimat Avukat Generali hareg l-att takkuza sabiex l-akkuzat jigi ipprocessat mill-Qorti Kriminali.

Illi ghalhekk komplessivament ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti minn naha tal-partijiet fil-kawza u lanqas jirrizulta li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti tal-Qrati fir-rigward ta' dewmien.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Trattament inuman u degradanti
4. Illi r-rikorrent qed jilmenta wkoll li fil-perjodu meta inzamm arrestat il-habs, huwa gie espost ghall-trattament inuman u degradanti peress li jbati minn diversi kundizzjonijiet medici fosthom pressjoni gholja, diabete, cholesterol gholi u problemi kardijaci.

Tajjeb li wiehed ifakkar li skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ta' Strasbourg, "inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering". It-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna "intense physical and mental suffering" - kaz "Tekin v. Turkey", deciz fid-9 ta' Gunju, 1998. Ghar-rigward ta' trattament degredanti

dan jitqies li jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li jgieghel lill-vittrna li tagixxi kontra l-volonta taghha. It-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biza, angoxxia u sens ta' inferjorita li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun sahansitra sakemm possibilment jabbattu r-rezistenza fizika jew morali tieghu.

Illi mill-atti processwali tal-kawza kriminali jirrizulta car li l-awtoritajiet mill-ewwel irrikonoxxew li effettivament ir-rikorrent ibati minn diversi problemi medici u li ghandu bzonn kura kontinwa. Fil-fatt skond il-verbal tal-4 ta' (annar 2011 quddiem il-Qorti tal-Magistati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja il-partjiet qablu dwar il-kundizzjonijiet medici tal-akkuzat u li kien taht il-kura ta' Dr Ellul u Dr Albert Fenech. Il-Qorti gibdet l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs f’dan ir-rigward. Dan ifisser li mal-ewwel seduta mill-ewwel ittiedhu dawk il-prekawzzjonijiet sabiex meta r-rikorrent ikun il-habs jinghata l-kura necessarja li ghadu bzonn. Zgur li dan l-agir ma kienx intix biex ir-rikorrent ikun trattat b’mod inuman u degradanti anzi huwa inghata kura kontinwa mit-tobba u n-nurses li jahdmu gewwa il-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Id-Dritt ghal-liberta tal-persuna
5. Illi r-rikorrent qed jallega li hu baqa’ arrestat il-habs iktar milli impost mil-ligi (ghoxrin xahar) u b'hekk gie vjolat id-dritt tieghu tal-liberta tal-persuna.

Illi fil-bidu tal-proceduri u cioe mill-4 ta' Jannar 2011 sa Settembru 2011 r-rikorrent ghamel numru ta' rikorsi propju sabiex jinghata l-helsien mill-arrest u dawn it-talbiet gew michuda mill-Qrati taghna u dan ghaliex f’dak l-istadju tal-proceduri kien evidenti li r-rikorrent ma kienx jissodisfa l-vot tal-ligi biex jinghata l-helsien mill-arrest. Imbaghad gara li r-rikorrent aqaf milli jaghmel tali talba lu minkejja li ghaddew l-ghoxrin xahar l-akkuzat ma ghamell-ebda talba sabiex hu jinghata l-helsien mill-arrest. Imbaghad gara li meta fil-21 ta' Lulju 2013 ir-rikorrent ghamel talba ohra huwa inghata l-helsien mill-arrest mill-ewwel. Kien jispetta lir-rikorrent ikompli jitlob ghal-liberta provvizorja u f’dan is-sens ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqasijiet minn naha tal-intimati. Fuq din il-materja l-esponenti jaghmlu referenza ghal-kawza fl-ismijiet Moumin Trabule vs Ministru tal-Gustizzja et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Mejju 2015.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Id-Dritt ghall-hajja privata u ghall-hajja tal-familja
6. Ir-rikorrent qed jargumenta li fiz-zmien li ghamel il-habs gie imcahhad mill-familja tieghu u dan bi ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jghid is-segwenti:
(1) Kulnadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.
(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita pubblika dwar l-ezercizziu ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun mehiieg f'socjeta demokratika fl-interessi tas-sigurta nazzjonali, sigurta pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-

dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor.

Fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 2007 fil-kawza Dickson vs UK il-Qorti Ewropea qalet hekk - The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities. Ghalhekk l-indhil mill-awtorita pubblika ghandu jkun fil-kazi specifikament kontemplati fit-tieni paragrafu tal-Art. 8 (ara d-decizjoni tal-Qorti Ewropea tal-24 ta' Settembru 2007 fil-kawza "Tysiac vs Poland"). Fil-kuntest tal-Art. 8 dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk tkunx tezisti hajja familjari li haqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx gustifikata (ara "Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et" - PAK/GV - 4 ta' Ottubu 2004).

Illi l-esponent jirrileva li ovvjament persuna li tkun residenti l-habs ser ikollha certu restrizzjonijiet fil-hajja familjari taghha izda dan kollu huwa ghal kollox legittimu u gustifikat peress li tali mizura taqa' taht l-interessi tal-Istat li jzomm is-sigurta pubblika u biex jigi evitat dizordni jew eghmil ta' delitti.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi r-rikorrent ressaq dan ir-rikors kostituzzjonali sabiex is-sitt lanjanzi tieghu jigu ezaminati u determinati minn din il-Qorti.

Fir-rikors promotur tieghu hu talab li din l-Qorti tiddikjara li gew miksura l-jeddijiet tieghu taht l-Artikoli 5, 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda, Kap. 319) (l-artikolu 3 mhux imsemmi), li tordna li ma jsir l-ebda uzu mill-istqarrija impunjata fil-guri tieghu, u tordna l-hlas ta' kumpens xieraq.

Illi l-intimati rrespingew l-allegazzjonijiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-ebda agir tal-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti.

L-ewwel u l-hames lanjanzi gia gew determinati minn dina l-Qorti bis-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019 fuq imsemmija.

F'dina s-sentenza se jigu ezaminati l-lanjanzi rimanenti.

**Provi**

Supretendent Louise Calleja xehdet li r-rikorrent kien tressaq il-Qorti fl-4 ta' Jannar 2011 u nghata l-liberta provvisorja f'Settembru 2013. Kienu jsiru talbiet ghall-liberta provvisorja mir-rikorrent u huma kienu joqghodu fuq dak li jwiegeb l-Avukat Generali. Hija ezebiet record mill-Police Lock Up (Dok. LC1) meta gie arrestat ir-rikorrent fejn hemm indikati l-movimenti tieghu u fejn jindika car li huwa kien tkellem mal-avukat (Dok. LC2). Mid-Dok. LC3 jirrizulta li r-rikorrenti nghata l-medicini li kien jiehu. Hija kienet kellmet lit-tifla tar-rikorrent fid-9 ta' Novembru 2010 (Dok. LC4). Ir-rikorrent kien ried jikkonsulta mal-Avukat Abela u fid-dokument LC2 imsemmi hemm il-hinijiet ta' dina t-telefonata. Mill-custody officer iqabbdu lil persuna arrestata mal-avukat. Qalet li l-bail ma tinghatax mill-ispettur tal-Pulizija, imma mill-Qorti.

Imhallef Toni Abela xehed li jekk ir-rikorrent kien xi darba cempillu bit-telephone, hu wiccu qatt ma rah, ghalhekk ma kienx qed jaghrfu fil-Qorti. Hu ma tantx kien jirrispondi fuq it-telephone u kien jippreferi li jmorru jkellmuh. Mhux qed jeskludi li tah parir lir-rikorrent imma jghid li ma jiftakarx. Meta jaghti parir ta' dina x-xorta huwa qatt ma ghamel nofs siegha fuq it-telefon imma jkun fil-qosor, partikolarment ghax ikun fuq it-telephone u ghax it-telefonata tkun inaspettata. Hu qatt ma qal li jistax jmur id-depot. Il-Pulizija jghidulek li ma tistax tmur hemm. Qatt ma kellu kaz fejn talbuh biex jinzel id-depot. Lilu qalulu li parir jista' jaghtih fuq it-telephone.

Marion Sultana, it-tifla tar-rikorrent, xehdet li missierha dam 31 xahar il-habs u l-mama taghha spiccat wahedha u ma kelliex x'titmaghhom. Kienu jghinuhom tal-kommunita. Ommhom kienet tircievi c-cheque tar-relief. Kienu jmorru jaraw lil daddy il-habs kuljum. Ghal bidu ma kienux hallewhom jaraw il-habs. Missierha marid, ghandu z-zokkor u jbati b'qalbu. Il-habs missierha kien jiehu l-medicini.

Maria Sultana, mart ir-rikorrent, xehdet li sakemm kien il-habs hija u t-tfal ghaddew minn hafna tbatija u gieli ma kienx ikollhom x'jieklu u kultant kienu jsajrulhom l-ahwa

tal-kommunita tat-talb. Kienu ghamlu hafna talbiet ghal liberta provvisorja imma kienu kollha michuda. Dak iz-zmien kellhom lil Dr J. Brincat. Kienu jaghmlu zmien li ma setghux jaraw lir-rikorrent il-habs ghax kienet qed toggezzjona l-Ispettur Calleja. L-erbgha u l-Hadd kienu jarawh mal-mejda, u fost il-gimgha wara t-tieqa bit-telefon.

Ir-rikorrent Rosario Sultana xehed li hu qed jistenna li jghaddi guri fuq akkuza li saret minn bintu fuq kongungiment karnali. Hu kien tressaq il-Qorti fl-14 ta' Jannar 2011 u minhabba opposizzjoni tal-Avukat Generali nghata bail biss f'Settembru 2013 avolja hu bniedem marid. Hu ghamel 31 xahar detenzjoni minflok il-massimu ta' 20 xahar skond il-ligi. Ghalkemm il-prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghha fis-27 ta' April 2012, l-Avukat Generali dam biex iressqu ghal guri u pprezenta l-att ta' akkuza biss fit-18 ta' Dicembru 2013. Hu kien ressaq diversi ilmenti kostituzzjonali quddiem il-Qorti Kriminali u talab referenza kostituzzjonali li pero gew dikjarati frivoli u vessatorji b'sentenza tal-11 ta' Frar 2015. Ighid li l-istqarrija li kien irrilaxxja kienet giet mehuda bi vjolazzjoni tad-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat. Saret telefonata biex jikkonsulta lil Dr Toni Abela izda dana ma setghax ikellmu d-Depot u wara dana beda l-interrogatorju. Ighid li hu persuna marida u ghalhekk kellu jitqies bhala persuna vulnerabbili meta ttiehditlu l-istqarrija minghajr l-ghajnuna tal-avukat. Waqt l-interrogazzjoni huwa cahad li kien ghamel atti sessuali ma' bintu, izda l-Ispettur Calleja kienet qaltlu li jekk ma kienx ser jammetti kienet ser tarresta lit-tifla talli ma qalitx il-verita. Dan wassal biex hu ghamel l-istqarrija kontestata. Fil-habs hu ma setghax jircievi t-trattament mediku li kien mehtieg u sahtu marret lura u z-zmien fil-habs ikkawzalu hsara u tbatija fir-relazzjoni familjari tieghu u giet imcahhad mill-hajja tal-familja. Ghalhekk qed jitlob rimedju u kumpens. Hu kien ghamel diversi rikorsi biex jinghata bail imma dejjem kienu jigu michuda imbaghad qata' qalbu. Dak iz-zmien kien bir-relief. Meta kien il-habs kienu qalulu li wara certu zmien kellu jinghata il-liberata provvisorja u ghalhekk kien rega applika u din id-darba ir-rikors gie milquh. Meta kien il-habs ghal bidu ma hallewx jara lil tal-familja imbaghad beda jarahom fi granet mal-mejda u ohrajn mill-hgiega. Dam hdax il-xahar ma jara lit-tfal. Qabel gie arrestat huwa ma kienx jahdem; kien bir-relief. Kien ilu xi ghaxar snin u l-mara ma tahdimx.

Logotenent Roger Mifsud, inkarigat mil-medical infirmary tal-habs, xehed li meta prigunier jidhol il-habs huwa jigi ezaminat minn tabib minhabba kundizzjonijiet

medici, jekk tiehux pilloli, jekk tbati minn xi kondizzjoni, bhal azma, pressjoni u jigi dokumentat kollox. Hu pprezenta kolpja tal-file originali tar-rikorrent Dok. RM1 (a fol. 255). Hu dahal fl-4 ta' Jannar 2011. Inghata physiological assessment. It-tabib rah 29 darba u kien hemm 4 darbiet meta rrifjuta li jarah. Kien jintbaghat id-diabetic clinic f'Mater Dei ghaxar darbiet u rrifjuta li jmur darba ghal appuntament. Mar Mater Dei biex jara dentist darbtejn u rrifjuta darba. Kellu medical outpatient appointment minhabba kwistjoni ta' qalb u kien sarlu test. Kien mar il-clinic ghax kellu bzonn jaghmel nuccjali. Kellu appuntament ghal surgical outpatient u saritlu operazzjoni. Darba kellu trawma meta wegga u ntbghat l-emergenza. Hu kien jigi moneterjat fuq pressjoni.  Il-habs ghandhom team ta' tlett tobba u jarah minn kien imissu. Dr Joseph Tonna kien jarah ta' spiss.

Dr Joseph Tonna xehed li bejn 1998 u 2015 hu kien jahdem bhala tabib fil-facilita korrettiva ta' Kordin. Huma kien jiccekkjaw lil prigunier meta jidhol. Hu kellu numru ta' kondizzjonijiet medici li kien ibati minnhom qabel ma dahal il-habs. Hu kien ibati minn ischemic heart decease, mard tal-qalb u kien dahal darbtejn b'angina l-isptar u ghamel angoplasti fil-2009. Kien ibati bil-pressjoni, bid-diabete, kellu cholesterol gholi, migranes, acidu fl-istonku u kellu appedicates u himoroids. Kellu past history ta' xi abbuz tad-droga. Huma jipprovaw isegwu dawk il-bzonnijiet bhal jiccekkjaw iz-zokkor, il-pressjoni, jinghata l-pilloli u jirriferu l-isptar meta jkun hemm bzonn.  Fil-file hemm elenkat il-lista shiha tal-kemm il-darba rawh u l-appuntamenti li kellu ghal isptar bhal taz-zokkor, dentist, medical outpatient, SOP u casualty. Sa fejn setghu taw il-kura li kellu bzonn. Kien hemm okkazzjonijiet meta rrifjuta li jmur ghal appuntament biex jara tabib. Gie ippretezntat id-dokument JT1 a fol. 266.

Fuq kontroezami wiegeb li xi drabi ma jmorrux ghal appuntament minn rajhom, drabi ohra ghax ma jkollhomx van. Jekk ikun imisshom l-ikel meta jkollhom l-appuntament, huma jzommulhom l-ikel. Lilu hadd, lanqas ir-rikorrent, ma kien qallu li ma marx ghal appuntament ghax inkellha jitlef l-ikel. Kieku qalulu hekk kien jara kif jsolvi l-problema. Lilu qatt ma giet ipprezentata din il-problema tal-ikel.

Ir-rikorrent inghata permess mill-Qorti jerga jixhed fuq dana l-punt u qal li darba kellu l-Qorti u mit-8.00am sas-2.00pm ma tawh xejn u meta rritorna l-habs titlef l-ikel ukoll.

Jghid pero li gieli l-ufficjali jzommulek l-ikel pero mhux dejjem. Dak inhar kienu zammewlu l-ikel. Gieli tilef l-ikel izda mhux dejjem. Gieli xtara huwa.

Logotenent Elenio Galea, xehed li meta dahal il-habs fl-4 ta' Jannar 2011 ir-rikorrent tpogga fin-new location imbaghad gie trasferit ghad-division 8 u hareg minn hemm fl-1 ta' Awwissu 2013 bil-liberta provvisorja. F'dawn id-division hemm qiesu dormintory u mhux cellel separati. Kienu jzommu n-nies hemm meta jkollhom xi problemi medici. Ir-rikorrent tpogga hemm biex jiffacilitaw l-assistenza medika li kellu bzonn. Setghu jsir kemm contact kif ukoll non contact visits lill-prigunieri. Non-contact vists setghu jsiru kuljum bejn it-Tnejn u l-Gimgha bejn 9.00am u 11.30am u bejn is-2.00pm u 3.30pm. U fir-rigward ta' contact visists kienu intitolati li jkollhom tnejn fil-gimgha pero dak il-hin ikun ibbukkjat. Fil-kaz tar-rikorrent, kienet tigi tarah il-mara, it-tifel u t-tifla tieghu. Ghandu dokumenti li juru li l-contact visits kienu jsiru b'mod regolari (Dok. EG1 a fol. 278). Fil-kaz ta' non-contact visits, ikun hemm hgiega bejn il-prigunier u min qed izuru, fil-kaz ta' contact visists, dawn isiru f'sala u l-persuni ikunu fuq l-istess mejda. Ikun hemm ufficjali tal-habs jissorveljaw dak li jkun qed jigri.

Fuq kontro-ezami wiegeb li hu ma jkunx jaf ghaliex prigunier ma jkunx inghatlu permess. Il-karta ma tigiex ghandhom imma tigi pprezentata fil-one stop shop.

Illi b'nota ipprezentata mis-Supretendent L. Calleja in osservanza tal-verbal tal-4 ta' April 2019, gie dikjarat li meta r-rikorrent gie arrestat fuq abbuz sesswali, sabiex ma jkunx hemm intralc tal-provi, ghal l-ewwel hija ma kinitx sabet oggezzjoni li l-mara tar-rikorrent u xi familjari ohra biss ikunu jistghu jzuruh. Il-mara tar-rikorrent qatt ma talbet lill-esponent biex taghtiha permess biex ir-rikorrent ikun jista jara lill-uliedu. Dawn it-tip ta' permessi jigu awtorizzati mill-Qorti mhux minnha. Waqt il-kumpilazzjoni r-rikorrent jaghmel rikors sabiex jkun jista jara lill-uliedu liema rikors jigu mwiegba mill-ufficju tal-Avukat Generali, imbaghad il-Qorti taghti d-digriet taghha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**It-tieni lanjanza: theddida waqt l-interrogatorju**

Ir-rikorrenti ssottometta illi waqt l-interrogatorju tieghu, l-Ispettur Louise Calleja qaltlu li jekk ma jammettix u jekk jibqa' jghid li ma kienx hati, hija kienet ser tarresta lit-tifla

tieghu Antoinette talli ma kienitx qalet il-verita. Ighid li dan wassal biex hu ghamel l-istqarrija pprezentata mill-Ispettur Louise Calleja. Dan sar bi vjolazzjoni tal-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxi smigh xieraq, f'kull stadju tal-proceduri, mill-mument tal-arrest sad-decizjoni finali dwar il-kaz.

L-intimati wiegbu li l-ilment tar-rikorrent li jirrigwarda theddid waqt l-interrogatorju diga giet deciza mill-Qorti Kriminali meta giet mitluba tiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet preliminari li qajjem 1-akkuzat. Fil-fatt permezz tas-sentenza tal-Qorti Kriminali datata 11 ta' Frar 2015 fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario sive Sario Sultana il-Qorti ippronunzjat ruhha kif gej:

> F'din l-istess eccezzjoni l-akkuzat qieghed jallega l-illegalita tal-operat tal-ufficcjal investigattiv l-Ispettur Louise Calleja minhabba theddid illi allegatment ghamlet fuq l-akkuza sabiex jirrilaxxa l-istqarrija. Din hija kwistjoni ta' prova illi tista' tirrizulta waqt is-smigh tax-xhieda. L-akkuzat irid jiftakar, pero, illi min jallega jrid jipprova u spetta ghalih biex igib din il-prova quddiem il-gurati jekk ikun il-kaz, dejjem fuq bazi ta' probabilita kif id-difiza ghandha d-dritt illi tressaq il-grad tal-provi taghha.

Fil-fehma ta’ dina l-Qorti l-kwistjoni hawn sollevata dwar il-volontarjeta tal-istqarrija rilaxxjata hija materja ta’ fatt li qghad trid tigi deciza mill-Qorti Kriminali. Fil-fatt ir-rikorrent stess fin-nota tieghu f’dawn il-procedura rriserva l-jedd li hu jqajjem din il-kwistjoni, jekk ikun il-kaz.

Ghadaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta’ dina l-lanjanza.

**It-tielet lanjanza tirrigwarda l-vjolazzjoni tal-principji dwar (i) presunzjoni tal-innocenza u (ii) reasonable time requirement**

Ir-rikorrent jissottometti illi huwa gie pprivat mid-dritt ghal-liberta personali bi ksur tal-principju dwar il-presunzjoni tal-innocenza kif ukoll bi ksur tal-principju dwar smigh xieraq fi zmien ragonevoli, bi ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

L-intimati wiegbu li ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**Presunzjoni tal-innocenza**

Ir-rikorrent jissottometti li, billi huwa gie mizmum arrestat ghal aktar minn 31 xahar oltre l-ghoxrin xahar previst mill-Kodici Kriminali, allura nkiser id-dritt tieghu ghall-

innocenza. Din il-Qorti gja sabet lezjoni tad-dritt ghall-liberta tal-persuna tar-rikorrent taht l-Artikoli 5(3) u (4) tal-Konvenzjoni fis-sentenza preliminari taghha.

L-intimati wiegbu illi bil-fatt li r-rikorrent inzamm arrestat in konnessjoni mal-kawza kriminali dan wahdu bl-ebda mod ma jfisser li hemm vjolazzjoni tal-presunzjoni tal-innocenza. Minn analizi tal-atti tal-kumpilazzjoni ma jirrizulta minn imkien li saret xi dikjarazzjoni li r-rikorrent huwa hati tal-akkuzi migjuba kontrih jew li hu rrid jipprova l-innocenza tieghu. Iz-zmien li r-rikorrent ghamel arrestat in konnessjoni mal-akkuzi migjuba kontrih ma ghandu x'jaqsam xejn mal-presunzjoni tal-innocenza fil-jedd ghal-smigh xieraq, izda jaqa' fil-jedd ghal-liberta personali taht l-Artikolu 5 u fil-fatt dina l-Qorti diga ppronnunzja ruhha fuq hekk u hemm appell fuq din il-parti tas-sentenza.

Dwar f'hiex tikkonsisti dina l-presunzjoni tal-innocenza, l-Qorti tirreferi ghal kaz **Yassar Hussein**, §§ 19 fejn il-principji generali rilevanti gew elenkati:

> ... the presumption of innocence enshrined in Article 6 § 2 is one of the elements of a fair criminal trial required by Article 6 § 1. It will be violated if a statement of a public official concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty unless he has been proved so according to law. It suffices, even in the absence of any formal finding, that there is some reasoning to suggest that the official regards that person as guilty (see Daktaras v. Lithuania, no. 42095/98, § 41, ECHR 2000-X, and A.L. v. Germany, no. 72758/01, § 31, 28 April 2005). Whether a statement of a public official is in breach of the principle of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular circumstances in which the impugned statement was made (see Daktaras, cited above, § 43). The provision applies even where the substantive criminal proceedings have ended, provided that there is a sufficient nexus between the criminal proceedings and the events in issue (see Sekanina v. Austria, 25 August 1993, § 22, Series A no. 266-A). In such circumstances, the question is whether the trial judge relied on suspicions as to the applicant's innocence after the applicant had been acquitted (ibid., § 30; see also Moody v. the United Kingdom, no. 22613/93, Commission's report of 16 October 1996, unpublished, and D.F. v. the United Kingdom, no. 22401/93, Commission decision of 24 October 1995, unreported, which both concerned Practice Directions on the making of defendants' costs orders).

Fil-kaz in ezami mill-atti jirrizulta li mkien f'dawk il-proceduri ma saret xi dikjarazzjoni li r-rikorrent kien hati tal-akkuzi migjuba kontrih.

Il-fatt li l-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrent ghal ghoti tal-liberta provvisorja diversi drabi ma jfissirx li l-Qorti kisret id-dritt tal-akkuzat ghal presunzjoni tal-innocenza. Kif gie deciz fil-kaz **Hauschildt vs Denmark**:

> The mere fact that a trial judge or an appeal judge has also made pre-trial decisions in the case, including those concerning detention on remand, cannot be held as in itself justifying fears as to his impartiality.

Kwantu ghal fatt li r-rikorrenti nghata bail meta kienu ghaddew l-ghoxrin xahar previst mill-Kodici Kriminali l-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti ta` Strasbourg tat-28 ta` Gunju 2006 fil-kawza **Kubicz vs Poland** fejn inghad hekk:

> The question whether a period of detention is reasonable cannot be assessed in the abstract but must be considered in each case according to its special features. Continued detention can be justified in a given case only if there are specific indications of a genuine requirement of public interest which, notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty laid down in Article 5 of the Convention.

Fil-kaz **Mikalauskas vs Malta** (Application no. 4458/10) il-Qorti Ewropeaa qalet hekk f'dan ir-rigward:

> 1. According to the Court's case-law, the presumption under Article 5 is in favour of release (see Bykov v. Russia (GC), no. 4378/02, § 61, 10 March 2009). It falls in the first place to the national judicial authorities to ensure that, in a given case, the pre-trial detention of an accused person does not exceed a reasonable time. To this end they must examine all the facts arguing for or against the existence of a genuine requirement of public interest justifying, with due regard to the principle of the presumption of innocence, a departure from the rule of respect for individual liberty and set them out in their decisions dismissing the applications for release

Fil-kaz inezami kien hemm ragunijiet validi ghaliex l-Avukat Generali kien qed jipponi t-talbiet tar-rikorrent ghal liberta' provvisorja, izda meta ghaddhew l-ghoxrin xahar, r-rikorrent kellu dritt li jinghata l-liberta provvisorja skond il-ligi. Izda r-rikorrent ma hax il-passi necessarji biex jitlob il-liberta provvisorja. Skond il-ligi l-Qorti ma setghetx min rajha takkordalu l-liberta provvisorja jekk mhux wara li jsir rikors ghal dak l-iskop. L-Art. 582(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li:

> Il-Qorti ma tistax ex officio taghti l-helsien mill-arrest taht garanzija, meta dan il-helsien ma jitolbux l-imputat jew l-akkuzat.

Ghalkemm, kif gia deciz fis-sentenza preliminari ta' din il-Qorti, teknikament inkiser id-dritt tal-rikorrent ghal liberta provviorja taht l-Artikolu 5 billi kien ghadda z-zmien,

izda dana ma jfissirx necessarjament li b'daqshekk kien inkiser ukoll id-dritt ghal presunzjoni tal-innocenza jew li r-rikorrent kien qed jigi dikjarat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu. Ir-rikorrent ghandu igorr hafna mir-responsabilita ghal fatt li huwa ma harigx bil-bail. Hu baqa' inattiv u ma talabx lill-Qorti ghal bail meta ghaddew l-ghoxrin xahar. Ghalhekk ma kienx hemm ksur tal presunzjoni tal-innocenza tar-rikorrent.

**Dewmien**

Ir-rikorrent jishaq li l-proceduri fl-istadju tal-istruttorja tmexxew bil-mod hafna u kien hemm dewmien eccessiv, kif ukoll accessi, ritratti ta' abitazzjonijiet u perizja ta' perit arkitett bla htiega ta' xejn, u dan b'non-kuranza ghad-drittijiet tal-imputat u ghall-fatt li huwa kien qed jinzamm detenut matul dan iz-zmien kollu. Ighid li kien hemm dewmien sija minn naha tal-Ufficcjal Prosekutur (din baqghet inattiva ghal zmien twil) sija mill-Avukat Generali (sensila interminabili ta' rinviji inutili u bla sens u zmien twil biex hareg l-att ta' akkuza) u sija mill-Qorti tal-Magistrati li naqset milli tiehu mizuri biex ma thallix dana isir. Skond ir-rikorrenti dan id-dewmien kien leziv aktar u aktar billi hu kien qed jinzamm il-habs u d-detenzjoni tieghu ghal xi zmien kienet wahda illegali.

L-intimati ssottomettew li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza, l-imgieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment, is-sehem tal-awtorita jew awtoritajiet relevant (l-agir ta' awtorita gudizzjarja fid-dewmien) u fl-ahhar nett is-siwi ta' dak li l-parti ghandha x'titlef u tirbah mill-kaz taghha quddiem il-Qrati (ara **Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija et**, Kost 28/01/2013).

L-intimati jissottomettu li fil-kaz in ezami r-rikorrent tressaq bl-arrest quddiem il-Qorti tal-Magisrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja nhar l-4 ta' Jannar 2011 akkuzat bir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni, sekwestru ta' persuna u attentat vjolenti ghall-pudur ta' bintu Antoinette Sultana. Minn dakinhar il quddiem jidher li l-kawza imxiet b'mod spedit u ftit li xejn kien hemm dewmien irragjonevoli waqt il-kumpilazzjoni. Tant li fis-16 ta' Dicembru 2013 u cioe inqas minn sentejn mill-bidu tal-proceduri, l-intimat Avukat Generali hareg l-att ta' akkuza sabiex l-akkuzat jigi ipprocessat mill-Qorti Kriminali. Ghalhekk komplessivament ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqasijiet

lampanti minn naha tal-partijiet fil-kawza u lanqas jirrizulta li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti tal-Qrati fir-rigward ta' dewmien.

L-intimati jghidu wkoll li r-rikorrenti dawn l-ahhar snin ghamel minn kollox biex il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu jkomplu jitwalu permezz ta' rikorsi kostituzzjonali u talbiet lill-Qorti biex il-guri ma jsirx u anke f'dina l-kawza talab ghall-ispezzettar tad-decizjoni ta' din il-Qorti. Ghalhekk ighidu li ghal dawn l-ahhar sitt snin ir-rikorrent jahti zgur ghad-dewmien u kkontribwixxa biex il-proceduri jitwalu.

Ir-ragonevolezza taz-zmien ma jitkejjilx biss bit-tul u lanqas fl-astratt, imma fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Il-procedura gudizzjarja trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura. Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda terminu assolut li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha. Ma hemm l-ebda fattur partikolari li wahdu huwa determinanti imma huma c-cirkostanzi kollha maghdudin flimkien li ghandhom ikunu bazi tajba biex jigi deciz dwar ir-ragjonevolezza tad-dewmien (**Francis Said vs Avukat Generali**, Kost 12/02/2010)

Il-Qorti tifhem illi ghar-rigward tar-ragonevolezza tad-dewmien ghandha ssir distinzjoni bejn process kriminali u dak civili, ghax fejn il-liberta jew il-gieh tal-persuna jkunu in issue, hu importanti li l-kwistjoni ma titwalx aktar milli hu necessarju (**David Marinelli vs Avukat Generali**, Kost 29/05/2009).

Illi sabiex jigi determinat jekk id-dewmien kienx dovut minhabba l-imgieba tal-partijiet jew minhabba xi nuqqas tal-awtorita gudikanti, iridi jigi ezaminat l-iter processwali kollu. Il-Qorti ezaminat il-process kriminali u minnu jirrizulta s-segwenti:

**Il-komplessita tal-kaz**

Ir-rikorrent kien gie akkuzat bir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni, sekwestru ta' persuna u attentat vjolenti ghall-pudur ta' bintu Antoinette Sultana. Fil-fehma ta' dina l-Qorti l-kawza penali ma kienitx tipprezenta xi komplessita partikolari; ma kienx hemm xi numru kbir ta' xhieda x'jittellghu u l-ligi hija cara.

**Is-sehem tal-awtoritajiet relevanti**

Illi jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fi zmien sena mill-prezentata. Il-kawza bdiet fl-4 ta' Jannar 2011 u l-Prosekuzzjoni iddikjarat li kien hemm prima facie kaz fil-28/01/2011 u li ma kellhiex aktar provi fil-14 ta' Dicembru 2011.

Meta l-Avukat Generali rceva l-atti u beda jitlob proprogi biex ikun jista jipprezenta l-Att ta'Akkuza. Hu beda jitlob proprogi fil-23/01/2012 u baqa' sejjer hekk sakemm l-att ta' akkuza gie pprezentat fil-16/12/2013. L-Avukat Generali dam sentejn biex jipprezenta l-att ta' akkuza wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma ghandhiex provi.

**L-imgieba ta' min iressaq l-ilment**

Fit-3 ta' Settembru 2013 ir-rikorrenti kien beda jilmenta dwar dewmin da parti tal-Avukat Generali biex johrog l-att ta' akkuza u fil-21/10/13 ipprezenta rikors biex issir referenza kostituzzjonali. Fil-16/12/2013 l-att ta' akkuza gie pprezentat mill-Avukat Generali u fil-11/02/2015 inghata sentenza fuq eccezzjonijiet preliminari u l-Qorti ddikjarat ukoll li l-lanjanzi kostituzzjonali mressqa mir-rikorrent kienu frivoli u vessatorji. Fil-27/04/2015 ir-rikorrent ipprezenta rikors kostituzzjoni odjern li beda jinstemgha fit-30/06/2015. Ir-rikorrent talab lil Qorti Kriminali biex il-guri jigi differit sakemm tigi deciza l-kawza kostituzzjonali izda l-guri gie appuntat ghas-07/11/2016. Kienet saret talba biex il-guri jigi pospost u t-talba giet eventwalment milqugha. Fit-03/10/2018 inghatat decizjoni preliminari minn dina l-Qorti Kostituzzjonali li giet appellata mir-rikorrent u l-appell qieghed ghat-trattazzjoni. Il-kawza penali qeghda ukoll soggetta biex jinghata degriet.

Illi mill-atti ghalhekk jirrizulta li ghalkemm l-att ta' akkuza gie pprezentat fil-21/10/2013 bl-agir tar-rikorrent illum il-guri ghadu ma nstemghax u sa issa diga ghaddew sitt snin.

Skond il-kazistika tal-Qorti ta' Strasburgu "Only delays attributable to the state may justify a find of failure to comply with the 'reasonable time' requirement (**Proszak vs Poland**). An applicant in principle cannot have it held against him that he has made full use of the procedures available to him under domestic law to pursue his defence (**Eckle vs Germany** u **Erkner and Hofauer vs Austria**, § 68)). An applicant is not required actively to co-operate with the judicial authorites but nonetheless his conduct may be taken into account as an objective factor for which the Goverment is

not responsible (**Eckle vs Germany**). Some time-wasting or dilatory conduct will not prevent a violation where it does not contribute substantially to the overall length of proceedings (**Kudla vs Poland**).

Illi fil-kaz in ezami l-Qorti tirravvisa li kien hemm dewmien mhux ragjonevoli fir-rigward tas-sentejn li l-Avukat Generali dam biex iressaq l-att ta' akkuza. In kwantu ghal-proskuzzjoni dina mexxiet il-kaz bil-mod l-aktar spedit u ghalqet il-provi taghha fi zmien sena. Is-sitt snin li ha r-rikorrent biex ghamel uzu shih mir-rimedji li taghtih il-ligi mhux responsabbili ghalihom l-istat.

Ghalhekk il-Qorti qed issib li kien hemm ksur biss ghas-sentejn imsemmija.

**Ir-raba' lanjanza: trattament inuman u degradanti**

Ir-rikorrent issottometta li minkejja li l-partijiet jaqblu li l-imputat jsofri minn kundizzjoni kardijaka, diabete, pressjoni gholja, cholesterol gholi u ghadda minn operazzjonijiet tal-qalb, il-Pulizija u l-Avukat Generali dejjem opponew il-helsien mill-arrest, u baqghu jirrezistu li huwa jinheles mill-arrest ghal 31 xahar, minn Jannar 2011 sa Settembru 2013. B'hekk l-esponent kellu jsofri tbatija kbira fil-habs, waqt li d-drittijiet tieghu ma kienux qeghdin jigu rispettati. Fil-habs l-esponent ma setax jircievi t-trattament mediku li kien jehtieg u sahhtu marret lura. Dan jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti bi vjolazzjoni tal-Art. 3 tal-Konvenzjoni Ewropea (Il-Qorti tirrileva li fit-talbiet tar-rikorrent ma hemmx talba biex tinsab lezjoni taht l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Nonostante dan il-Qorti se tikkunsidra l-lanjanza tar-rikorrent).

Ir-rikorrenti jsostni inoltre li minhabba l-kondizzjoni medika li kellu, ma kienx bizzejjed li jiehu kura medika, imma huwa kellu jinghata l-helsien mill-arrest. Meta huwa jghid li d-drittijiet tieghu ma kienux qeghdin jigu rispettati, hu ma kienx qed jallega li ma rceviex xi forma ta' kura medika fil-habs (li lanqas ma kienet adegwata minhabba l-kondizzjoni tieghu) izda li d-drittijiet tieghu ghal-liberta personali u l-presunzjoni tal-innocenza tieghu ma kienux qeghdin jigu rispettati. Hu sofra umiljazzjoni ghax inzamm detenut ghal 31 xahar minghajr ma gie processat u minghajr hadd ma jaghti kaz x'qed jigri minnu u mill-kondizzjoni tieghu.

L-intimati wiegbu li ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Illi mill-atti processwali tal-kawza kriminali jirrizulta car li l-awtoritajiet mill-ewwel irrikonoxxew li effettivament ir-rikorrent ibati minn diversi problemi medici u li ghandu bzonn kura kontinwa. Fil-fatt skond il-verbal tal-4 ta' Jannar 2011 quddiem il-Qorti tal-Magistati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja il-partjiet qablu dwar il-kundizzjonijiet medici tal-akkuzat u li kien taht il-kura ta' Dr Ellul u Dr Albert Fenech. Il-Qorti gibdet l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs f'dan ir-rigward (ara verbal tal-21/01/2011 fid-dokument a fol. 255). Dan ifisser li mal-ewwel seduta mill-ewwel ittiedhu dawk il-prekawzzjonijiet sabiex meta r-rikorrent ikun il-habs jinghata l-kura necessarja li ghandu bzonn. Zgur li dan l-agir ma kienx intiz biex ir-rikorrent ikun trattat b'mod inuman u degradanti anzi huwa inghata kura kontinwa mit-tobba u n-nurses li jahdmu gewwa il-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Provenzano vs Italy** (Application no. 55080/13) fejn intqal:

> 2. The Court reiterates that Article 3 of the Convention enshrines one of the most fundamental values of democratic society. It prohibits in absolute terms torture or inhuman or degrading treatment or punishment, irrespective of the circumstances and the victim's behaviour (see, for example, Labita v. Italy (GC), no. 26772/95, § 119, ECHR 2000-IV). Ill-treatment must, however, attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum is relative: it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, among other authorities, Kudła v. Poland (GC), no. 30210/96, § 91, ECHR 2000-XI; Peers v. Greece, no. 28524/95, § 67, ECHR 2001-III; Enea v. Italy (GC), no. 74912/01, § 55, ECHR 2009; and Bouyid v. Belgium (GC), no. 23380/09, § 86, ECHR 2015).
>
> 3. The State must ensure that a person is detained in conditions which are compatible with respect for human dignity, that the manner and method of the execution of the measure of deprivation of liberty do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention (see Kudła, cited above, § 94, and Svinarenko and Slyadnevv. Russia (GC), nos. 32541/08 and 43441/08, § 116, ECHR 2014 (extracts)), and that, given the practical demands of imprisonment, his health and well-being are adequately secured (see Kudła, cited above, § 94, and Idalov v. Russia (GC), no. 5826/03, § 93, 22 May 2012). In most cases concerning the detention of ill persons, the Court has examined whether or not the applicant received adequate medical assistance in prison (Mozer v. the Republic of Moldova and Russia (GC), no. 11138/10, § 178, ECHR 2016).

> 4. In this connection, the "adequacy" of medical assistance remains the most difficult element to determine. The Court reiterates that the mere fact that a detainee is seen by a doctor and prescribed a certain form of treatment cannot automatically lead to the conclusion that the medical assistance was adequate (see Hummatov v. Azerbaijan, nos. 9852/03 and 13413/04, § 116, 29 November 2007). The authorities must also ensure that a comprehensive record is kept concerning the detainee's state of health and his or her treatment while in detention (see Khudobin v. Russia, no. 59696, § 83, ECHR 2006-XII), that diagnosis and care are prompt and accurate (see Melnik v. Ukraine, no. 72286/01, §§ 104-06, 28 March 2006, and Hummatov, cited above, § 115), and that where necessitated by the nature of a medical condition, supervision is regular and systematic and involves a comprehensive therapeutic strategy aimed at adequately treating the detainee's health problems or preventing their aggravation, rather than addressing them on a symptomatic basis (see Blokhin v. Russia (GC) no. 47152/06, § 137, ECHR 2016).
>
> 5. On the whole, the Court reserves a degree of flexibility in defining the required standard of health care, deciding it on a case-by-case basis (see Aleksanyan v. Russia, no. 46468/06, § 140, 22 December 2008).
>
> 6. Lastly, as far as the standard of proof is concerned, the Court reiterates that allegations of ill-treatment must be supported by appropriate evidence. To assess this evidence, the Court adopts the standard of proof "beyond reasonable doubt", but adds that such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact (see Enea, cited above, § 55).

Dwar il-kura medika li kien inghata r-r-rikorrent meta hu kien detenut fil-Facilita Korrettiva xehed il-Logotenent Roger Mifsud li qal li meta r-rikorenti dahal il-habs gie ezaminat minn tabib minhabba kundizzjonijiet medici tieghu; biex jara jekk jiehux pilloli; jekk ibati minn xi kondizzjoni, bhal azma, pressjoni u gie dokumentat kollox. (ara file dettaljat Dok. RM1 a fol. 255). Sarlu physiological assessment. It-tabib rah 29 darba u kien hemm 4 darbiet meta r-rikorrent rrifjuta li jarah. Ir-rikorrent kien intbaghat id-diabetic clinic f'Mater Dei ghaxar darbiet u rrifjuta li jmur darba ghal appuntament. Mar Mater Dei biex jara dentist darbtejn u rrifjuta darba. Kellu medical outpatient appointment minhabba kwistjoni ta' qalb u kien sarlu test. Kien mar il-clinic ghax kellu bzonn jaghmel nuccjali. Kellu appuntament ghal surgical outpatient u saritlu operazzjoni. Darba kellu trawma meta wegga u ntbghat l-emergenza. Hu kien jigi moneterjat fuq pressjoni.  Il-habs ghandhom team ta' tlett tobba u jarah minn ikun imissu. Dr Joseph Tonna kien jarah ta' spiss.

Dr Joseph Tonna xehed li r-rikorrent kellu numru ta' kondizzjonijiet medici li kien ibati minnhom qabel ma dahal il-habs. Hu kien ibati minn ischemic heart decease, mard tal-qalb u kien dahal darbtejn b'angina l-isptar u ghamel angoplasti fil-2009. Kien ibati bil-pressjoni, bid-diabete, kellu cholesterol gholi, migranes, acidu fl-istonku u kellu appedicates u himoroids. Kellu past history ta' xi abbuz tad-droga. Huma pprovaw isegwu dawk il-bzonnijiet bhal jiccekkjaw iz-zokkor, il-pressjoni, jinghata l-pilloli u jirriferu l-isptar meta jkun hemm bzonn. Fil-file RM1 hemm elenkat il-lista shiha tal-kemm il-darba rawh u l-appuntamenti li kellu ghal isptar bhal taz-zokkor, dentist, medical outpatient, SOP u casualty. Sa fejn setghu, tawh il-kura li kellu bzonn. Kien hemm okkazzjonijiet meta rrifjuta li jmur ghal appuntament biex jara tabib. Gie ippretezntat Dok. JT1 a fol. 266 fejn hemm fid-dettal il-viziti li kellu ghand it-tabib u t-trattament li rceva. Lilu hadd, lanqas ir-rikorrent, ma kien qallu li meta ma marx ghal appuntament kien ghax inkellha jitlef l-ikel.

Logotenent Elenio Galea, xehed r-rikorrent tpogga fid-division fejn izommu n-nies li jkollhom problemi medici biex jiffacilitawlu l-assistenza medika li kellu bzonn.

Ir-rikorrent ighid li fil-habs hu ma setghax jircievi t-trattament mediku li kien mehtieg u sahtu marret lura. Ghalkemm inghata kura medika jsostni li dina ma kinitx adekwata. Fil-posizzjoni li kien ghalhekk kellu jigi rilaxxjat mill-Facilita.

Illi skond il-kazistika tal-Qorti Ewropea l-fatt li persuna detenuta ghandha kondizzjoni medika ma jfissirx li dina ma' tistax tigi nkarcerata jew li ghandha tigi rilaxxjata. L-istat pero irid assikura li l-persuna tkun detenuta taht kondizzjonijiet li jirrispettaw id-drittijiet umani taghha; li ma tigiex sottoposta ghal trattament li jikkawzalha hsara aktar minn dika li tirrizulta bhala kawza prossima tad-detenzjoni u li tinghata assistenza medika adekwata.

Mill-provi migbura jirrizulta li r-rikorrent inzamm f'kondizzjoni kompattibbili mal-sitwazzjoni tieghu. Ghalkemm ir-rikorrenti jaqbel li nghata kura medika pero jsostni li dina ma kinitx kura adekwata.

Illi fil-fehma tal-Qorti r-rikorrent ma ressaq ebda prova konkreta li meta kien detenut sahhtu marret lura kif qed isostni hu, jew fejn naqsu l-awtoritatijiet. Jirrizulta invece li

l-awtoritajiet ghamlu dak kollu li setghu biex ir-rikorrenti jiehu l-kura li kellu bzonn. Hemm dettaljatament elenkat u rekordjat fid-dokumenti JT1 a fol. 266 u RMi a fol. 255 il-viziti li ghamel ir-rikorrent u l-kura li nghata. Ir-rikorrent mhux semplicement gie invistat mit-tobba u nghata l-medicina imma hemm dokumentat kemm il-darba ra tabib u anke l-kura li nghata f'okkazzjonijiet diversi fl-Isptar Mater Dei. Ghalhekk mhux semplici kaz li r-rikorrent kien jigi invisitat minn tabib imma kien jinghata l-kura kollha li kellu bzonn anke l-Isptar. Ir-rikorrent kien qed jigi kkurat ghal kondizzjonjiet medici li kellu qabel iddahhal fil-Facilita Korrettiva u mhux kondizzjoni li tfaccat wara li dahal il-Facilita.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-Awtoritajiet imxew fil-parametri tal-ligi u mal-ewwel irrikonoxxew li r-rikorrent ibghati minn diversi problemi medici u li ghandu bzonn kura kontinwa u fil-fatt din il-kura nghata, Ghalhekk il-Qorti ma ssibx li fil-kaz odjern sar xi agir li jista' jitqies bhala trattament inuman jew degradanti fil-konfront tar-rikorrent.

**Is-sitt lanjanza: vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja privata u ghall-hajja tal-familja**

Fl-ahharnett ir-rikorrent jilmenta li l-arrest tieghu fit-tul ikkawza hsara u tbatija kbira fir-relazzjoni familjari u seta' jkisser ir-relazzjoni familjari minkejja li kienet wahda stabbli. B'hekk gie vvjolat id-dritt ghall-hajja privata u ghall-hajja tal-familja garantit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319), u dan peress li huwa u martu gew imcahhdin milli jkollhom relazzjoni intima u familjari, bejniethom u flimkien ma' uliedhom, matul dan il-perijodu li fih il-principju dwar il-prezunzjoni tal-innocenza kien qed jigi injorat. It-talba tieghu biex jara lill-uliedu giet milqugha tnax il-xahar wara li huwa gie arrestat.

Illi l-intimati wiegbu li ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Huma ssottomettew li ovvjament persuna li tkun residenti l-habs ser ikollha certu restrizzjonijiet fil-hajja familjari taghha izda dan kollu huwa ghal kollox legittimu u gustifikat peress li tali mizura taqa' taht l-interessi tal-Istat li jzomm is-sigurta pubblika u biex jigi evitat dizordni jew eghmil ta' delitti. Il-familja tar-rikorrent kellha access ghar-rikorrent permezz ta' viziti il-habs tenut kont tas-sensitivita' tal-kaz li bih hu kien akkuzat cioe li abbuza sesswalment membru tal-familja tieghu stess. Ir-rikorrent kellu anke contact visits mal-membri tal-familja bhad-detenuti l-ohra. Ghalhekk aktar milli

indhil fil-hajja tal-familja, l-intimati jsostnu li l-mizura kienet legittima, necessarja u gustifikata f'cirkostanzi fejn kellhom jittiehdu prekawzjoni.

L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li:

> (1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.
>
> (2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita pubblika dwar l-ezercizziu ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun mehiieg f'socjeta demokratika fl-interessi tas-sigurta nazzjonali, sigurta pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor.

It-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu jaghmel eccezzjonijiet fejn tali ndhil ma jitqiesx bi ksur tal-jedd ghall-hajja privata jew tal-familja ta' dak li jkun. L-artikolu 8 pero jitfa' fuq l-Istat id-dmir ta' azzjoni pozittiva biex jara li tabilhaqq ikun hemm harsien tal-jedd mahsub fl-artikolu 8. Ghalhekk mhux kull indhil huwa projbit sakemm ikun joqghod mal-ghanijiet mahsuba fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u jkun indhil maghmul b'mod proporzjonat ma' dawk l-ghanijiet.

Illi fir-rigward tad-dritt ghal familja tal-prigunieri nghad hekk fil-kaz **Khoroshenko vs Russia** (Application no. 41418/04):

> 106. Detention, like any other measure depriving a person of his liberty, entails inherent limitations on his private and family life. However, it is an essential part of a prisoner's right to respect for family life that the authorities enable him or, if need be, assist him in maintaining contact with his close family (see, among many other authorities, Messina v. Italy (no. 2), no. 25498/94, §§ 61-62, ECHR 2000-X; Lavents v. Latvia, no. 58442/00, § 139, 28 November 2002; Estrikh v. Latvia, no. 73819/01, § 166, 18 January 2007; Nazarenko v. Latvia, no. 76843/01, § 25, 1 February 2007; Trosin v. Ukraine, no. 39758/05, § 39, 23 February 2012; and Epners-Gefners v. Latvia, no. 37862/02, §§ 60-66, 29 May 2012).
>
> 116. As is well established in the Court's case-law, during their imprisonment prisoners continue to enjoy all fundamental rights and freedoms, save for the right to liberty (see, for instance, Dickson v. the United Kingdom (GC), no. 44362/04, § 67, ECHR 2007-V, quoting Hirst v. the United Kingdom (no. 2) (GC), no. 74025/01, § 69, ECHR 2005-IX; and Boulois v. Luxembourg (GC), no. 37575/04, § 82, ECHR 2012).
>
> 117. Accordingly, on imprisonment a person does not forfeit his or her Convention rights, including the right to respect for family life (Płoski v.

> Poland, no. 26761/95, §§ 32 and 35, 12 November 2002), so that any restriction on those rights must be justified in each individual case (see Dickson (GC), cited above, § 68)

Fil-kaz in ezami l-logotenent Elenio Galea, xehed li r-rikorrent kellu kemm contact kif ukoll non contact visits mal-familja. Non-contact visits isiru kuljum bejn it-Tnejn u l-Gimgha bejn 9.00am u 11.30am u bejn is-2.00pm u 3.30pm; fir-rigward ta' contact visists hemm tnejn fil-gimgha, pero l-hin irid jigi  bbukkjat. Lir-rikorrent kienet tmur tarah il-mara, it-tifel u t-tifla tieghu.  Hemm dokumenti li juru li l-contact visits li kienu jsiru b'mod regolari. Fil-kaz ta' non-contact visits, ikun hemm hgiega bejn il-prigunier u min qed izuru, fil-kaz ta' contact visists, dawn isiru f'sala u l-persuni ikunu fuq l-istess mejda. Ikun hemm ufficjali tal-habs jissorveljaw dak li jkun qed jigri.

Marion Sultana, bint ir-rikorrent, xehdet li kienu jmorru jaraw lil daddy il-habs kuljum, mentri Maria Sultana, martu, tghid li kienu jaghmlu zmien li ma setghux jaraw lir-rikorrent il-habs ghax kien hemm oggezzjoni. Ir-rikorrent xehed li meta kien il-habs ghal bidu ma kienux hallewh jara lil tal-familja imbaghad beda jarahom fi granet mal-mejda u ohrajn mill-hgiega. Hu dam hdax il-xahar ma jara lit-tfal.

Fuq dana l-punt is-Supretendent Louise Calleja ddikjarat (ara fol. 279) li r-rikorrenti gie arrestat u akkuzat talli abbuza sesswalment lil bintu. Ghalhekk sabiex ma jkunx hemm intralc tal-provi u ghal ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja hi ma kinitx sabet oggezzjoni li l-mara tar-rikorrent u xi familjari ohra biss ikunu jistghu jzuruh gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Il-mara tar-rikorrent qatt ma talbitha biex taghtiha permess sabiex ir-rikorrenti ikun jista' jara lill-uliedu.  Inotre rrilevat li dawn it-tip ta' permessi jigu awtorizzati mill-Qorti u mhux minnha.

Fil-fehma tal-Qorti l-interferenza fil-hajja familjari tar-rikorrent kienet gustifikata taht it-tieni paragrafu tal-Artikolu 8. L-interferenza kienet ibbazata fuq il-ligi u kellha l-iskop legittimu li tara li ma jkunx hemm intralc tal-provi u tal-amministrazzjoni tal-gustizzja fejn f'dan il-kaz ir-rikorrenti hu akkuzat li abbuza sesswalment lil bintu stess. Kuntatti mal-familja kien hemm regolarment, kemm bil-contact kif ukoll bil-non-contact visits. Fir-rigward tal-fatt li r-rikorent dam xi xhur biex ikollu visits minn xi uliedu, r-raguni kienet minhabba li r-reat li bih ir-rikorrenti kien akkuzat jinvolvi allegat abbuz sesswali

ta’ wahda minn uliedu, u s-Supt. Calleja qalet ukoll li ma kinitx saret talba specifika ghal dak il-ghan.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-awtoritajiet ma naqsux milli jassistu lir-rikorrent in maintaining contact with his close family meta hu ghamel xi zmien detenut fil-Facilita Korrettiva. Konsgwentement ma hemmx ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi issib li sehhet lezjoni tad-dritt ghall-liberta tal-persuna tar-rikorrent bi ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja; issib ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli, bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Tichad it-talbiet l-ohra tar-rikorrenti;

Tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrent ghal-lezjonijiet riskontrati fl-ammont ta’ €3,000 (tlett elef euro);

Spejjez tal-kawza jinqasam bejn il-partijiet.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur